KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 07

**L-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 07.1 Qari tal-Apoloġiji

07.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 06

07.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) prezentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

07.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 6 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

07.2.3 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien il-5:15pm.

## 07.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

07.3.1 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kinitx ħadet xi azzjoni dwar l-arti fuq it-taraġ ta' Binja Buqana. Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-Pippo Foundation u wrew interess. Hija kienet se tibgħatilhom tfakkira.

07.3.2 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kinitx kitbet dwar il-proposta tiegħu li tibda tingħalaq Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello matul ċertu ħinijiet biex tkun aċċessibbli bil-mixi biss matul il-Ħdud. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel kuntatt ma' TM u nuru x-xewqa li possibbilment tinbeda fir-Rebbiegħa. Kien hemm qbil li bħala kunċett din għandha taħdem bħala *tidal lane* permezz ta' xi traffic lights jew bil-*bollards*.

07.3.3 Is-Sindku informa li għall-attività Milied Ħlejju fil-Pjazza kien se jkun hemm il-partecipazzjoni tal-BP Scouts, l-Imtarfa Scouts u l-Imtarfa FC fost oħrajn kif ukoll numru ta' bejjiegħa oħra.

07.3.4 Fir-rigward tal-attività tas-Sibt, huwa informa li kien hemm madwar 90 persuna li se tattendi.

## 07.4 Laqgħa tal-Lokalità

07.4.1 Is-SE fakkret li fix-xahar ta' Jannar kienet se tiġi organizzata l-laqgħa tal-lokalità u għaldaqstant matul il-ġranet li ġejjin kienet se tgħaddilhom kopja tar-rapport amministrattiv li kellu jinqara matulha.

07.4.2 Kien hemm qbil li d-data għal-laqgħa tal-lokalità tkun dakinhar stess tal-laqgħa li jmiss, jiġifieri nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar fis-7:00pm.

## 07.5 Rapporti dwar laqgħat tas-sottokumitati

07.5.1 Il-Kunsilliera Sammut Dimech infurmat li kienet laqqgħat iz-zewġ sottokumitati imma ma kinitx laħqet preparat rapport. Hija infurmat li kienu ddiskutew il-possibbiltajiet li ssir heritage trail, li jiġi rranġat il-belveder ta' Triq San Oswald, il-possibbiltajiet li jkun hemm wara li jitlesta l-visitors centre, u l-possibbiltà li jkun hemm xi link maċ-ċimiterju tal-Inglizi fost oħrajn. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta l-bzonn li jinbeda x-xogħol fuq il-filmat li jrid jintwera hekk kif jitlesta x-xogħol fuq il-visitors centre. Għaldaqstant is-Sindku kien se jieħu l-inkarigu li jagħmel kuntatt mal-Ministeru tal-Kultura sabiex possibbilment dan il-filmat ikun jista' jsir b'mod professjonali taħt il-kappa tagħhom.

07.5.2 Hawnhekk kien hemm ukoll diskussjoni qasira dwar il-fatt li x-xogħol fuq il-visitors centre kien appikk li jibda għalkemm il-Kunsill kien għadu bla store. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jagħmel kuntatt mal-Ministeru tal-Infrastruttura sabiex issir talba uffiċjali għall-għajnuna.

## 07.6 Punti Oħra

07.6.1 Il-Kunsillier Sammut Dimech uriet id-dizappunt tagħha dwar it-tizjin tal-Milied. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur.

07.6.2 Is-SE infurmat li l-laptop li fuqu hemm is-Sage se jkollu jiġi ddedikat għal dan l-uzu speċifiku filwaqt li laptop ieħor li qiegħed fil-pussess tal-Kunsill hemm bzonn li jiġi *updated* u jintuza biex fuqu jiġu storjati l-laqgħat tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jiġu aċċessibbli għall-pubbliku, *on demand*. Għaldaqstant talbet li jinxtara laptop ġdid u modern sabiex jintuza minnha u l-
07.6.3 amministrazzjoni. Dan ma kienx jeċċedi l-€1000. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tieħu l-laptop li oriġinarjament inxtara għall-uzu tiegħu sabiex għalissa tinqeda bih. Kemm-il darba ma jkunx hemm alternattiva oħra, is-SE għandha terġa' tressaq it-talba.

07.6.4 Il-persuna li kien qed jieħu ħsieb il-ktieb tar-Reġjun Tramuntana kien talab li jissellef xi ritratti li dehru fuq il-ktieb tar-ritratti tal-Imtarfa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-credits f'isem il-Kunsill u l-fotografu.

07.6.5 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien rebaħ 'il fuq minn €29,000 mill-iskema tal-Irrigazzjoni. Il-postijiet li fuqhom kien se jsir ix-xogħol huma Triq il-Gladjoli, Ġnien is-Sinjura u l-Bosk. Hija infurmat li flimkien mal-inġiniera u l-periti kienet qed taħdem biex tinħareġ offerta għal dawn ix-xogħlijiet.

07.6.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera dwar x'inhu għaddej fuq il-proġett tal-arloġġ, is-SE infurmat li b'mod regolari jsiru laqgħat bejn il-kuntratturi, il-periti, l-inġiniera kif ukoll membri mis-Superintendence. Kien inbeda x-xogħol tat-tikħil, xi zebgħa fuq ġewwa, saru laqgħat dwar ix-xogħlijiet tal-elettriku, għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar il-ħadid u l-ġebel tat-taraġ, kienet ġiet aċċettata proposta li twieqi li hemm fl-injam tat-taraġ jinbidlu u jsiru bi ħġieġa biex wieħed ikun jista' jħares ġewwa, kienu saru testijiet fuq il-kampnar minħabba xi ġebel imfaqqa' fil-kantunieri u li hemm possibbiltà li fih xi ħadid, kien hemm qbil li għandhom jinqalgħu l-uċuh tal-arloġġ biex issir manutenzjoni fuqhom, inbdiet kommunikazzjoni mas-supplier oriġinali tal-makkinarju tal-arloġġ u li hemm ħsieb li dawn jgħinu fil-manutenzjoni tiegħu u qed issir riċerka biex jiġi kkummisjonat jew jinxtara taraġ simili tal-ħadid fondut biex jinbidel li hemm fil-prezent u li huwa wisq perikoluz biex jibqa' jintuza. Il-Kunsill ħa nota ta'

dawn kollu u talab lis-SE sabiex ittella' posts fuq il-paġna ta' Facebook biex ir-residenti jkunu infurmati.

07.6.7 Is-SE infurmat ukoll li f'Diċembru kienu se jiġu ppubblikati l-aħħar sett ta' offerti fir-rigward tal-*Interpretation centre*. Fil-laqgħa li jmiss kienet se tinforma lill-Kunsill dwar dawn l-offerti sabiex jiġu kkonfermati l-bordijiet tal-aġġudikazzjoni.

07.6.8 Is-Sindku informa li l-proġett tal-parkeġġi ta' quddiem Binja Buqana kien wasal fi tmiemu u issa kienu zdiedu 18 il-parkeġġ ġdid fiz-zona tal-pjazza.

07.6.9 Is-Sindku informa wkoll li t-toroq ta' ħdejn l-Iskola Primarja kienu tlestew mit-tieni saff ta' tarmak. Huwa talab lis-SE tara x'jista' jsir sadanittant fil-bidu tat-trejqa li tagħti għall-garaxxijiet fejn it-tarmak ġie aktar għoli mit-trejqa ezistenti u għaldaqstant qed ikun hemm għadira tal-ilma meta tagħmel ix-xita.

07.6.10 Fir-rigward tad-decking tal-bosk, is-SE infurmat li ilha tibgħat emails u tagħmel telefonati lis-supplier imma dan mhux jagħti kaz. Sadanittant infurmat li kienet tellgħat post fuq facebook biex issib lil ħaddieħor.

## 07.7 Kommunikazzjonijiet min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rapprezentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

07.7.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li kien hemm interess minn Pest County biex isir ġemellaġġ mar-Reġjun.

07.7.2 Hija infurmat ukoll li waqt l-aħħar laqgħa kien ġie approvat il-baġit tar-Reġjun.

07.7.3 Il-Kunsillier Mifsud ikkonfermat li l-ammont li kien ġie approvat fir-rigward ta' promozzjoni għal fondi tal-attivitajiet huwa dak ta' €1000. Is-SE issuġġeriet li jkun hemm possibbiltajiet ta' fondi innovattivi, ezempju għal dawl tal-Milied.

## 07.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

07.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kuns Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 07.09 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

07.09.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:45pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 15 ta' Jannar 2020 fil-5:30pm. Ezattament wara kienet se tinzamm il-laqgħa tal-lokalità.

Konfermati, illum l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2020.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv